# EUROPA TOURS

## FESTIVE SEASON 2022- 2023



31 St Anne Street, Floriana • Tel: 2125 0526, 2124 3562

www.europatours.org

# France & Germany
## & the Black Forest



**6 ijiem**

**08 - 13 Diċembru 2022**

**INŻURU: Mulhouse, Strasbourg, Freiburg, Colmar, Ribeauville, Riquewihr, Rhine Falls & Europa Theme Park**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €675 | €625 |
| Kamra ta żewġ persuni | €680 | €630 |
| Kamra ta' persuna waħda | €730 | €680 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €550 | €500 |
| Half Board Supplement Adulti (5ikliet) | | €75 |
| Kids Meal | | €40 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mall-Air Malta għal Zurich
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 5 lljieli - Hotel Bristol 3 star+ fiċ-ċentru ta' Mulhouse
- Kmamar kollha b'faċilitajiet privati
- Buffet Continental Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

### Il-Ħamis 08 ta' Diċembru
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fin-12.30 għall-flight KM490 li ttir fis-14.25, naslu Zurich fil-16.45. Mal-wasla tagħna transfer bil-kowċ lejn **Mulhouse** ġewwa **Franza** li tinsab fuq pjanura bejn il-muntanji **Vosges u Xmara** Rhine. Din il-belt ħelwa għandha popolazzjoni ta' 112,000 persuna. L-akkomodazzjoni ser tkun ġewwa **Hotel Bristol** 3star fiċ-ċentru tal-belt. F'Mulhouse ta' kull sena jarma l-**Christmas Market** fil-pjazza '**Place de la Reunion**'. Dan il-market ikun miftuħ kuljum mill-10.00 sat-20.00. Għal dawk li jieħdu l-Half Board supplement, l-ikla tkun dejjem filgħaxija.

### Il-Ġimgħa 09 ta' Diċembru
Wara li nieħdu Buffet Breakfast ikollna eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt sabiħa ta' **Strasbourg**, belt tant eleganti u t'importanza kbira. Flimkien naraw **Petite France, Old Quarters, Palais du Europe, European Parliament, l'Orangerie u l-famuż Katidral.** Wara ser inżuru l-famuż Christmas Market li ilu jarma sa mill-1570 għalhekk hu l-eqdem Christmas Market kif ukoll wieħed mill-akbar fl-Ewropa.Ikollna ħin liberu fejn inkunu nistgħu ngawdu l-atmosfera festiva. Ikollna wkoll l-opportunita li naraw id-dwal mixela.

### Is-Sibt 10 ta' Diċembru
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Ribeauville, Riquewihr** u l-belt sabiħa ta' **Colmar**. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa l-villaġġ medjevali tant ħelu ta' **Ribeauville**, b'arkitettura priservata tant tajjeb. In-nies ta' dan il-post jgħixu ħajja trankwilla u l-industrija ewlenija tagħhom hija l-inbid ta' Alsace. Flimkien nagħmlu mixja fit-toroq dojoq imserpin, magħmula miċ-ċagħaq. Toroq fejn ma jgħaddux karozzi u fejn naraw ħafna ħwienet żgħar, Cafe's Restaurants u anke lukandi bi bjar qodma, funtani antiki u djar ikkuluriti li fuq il-bjut tagħhom ibbejtu ċ-ċikonji. Inkomplu l-eskursjoni tagħna lejn **Riquewihr** villaġġ li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nieqfu għal sightseeing. L-aħħar żjara tagħna tkun fil-belt ta' **Colmar**, post magħruf għall-inbid ta' Alsace. Nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw iċ-ċentru storiku mimli arti w kultura, bid-djar qishom tal-pupi kif ukoll il-Kwartieri mimlijin kanali li jissejjaħ '**Little Venice**'. Naraw wkoll id-dar ta' Bartholdi li ddisinja lis-Statue of Liberty ta' New York, mhux ta b'xejn ħafna jirreferu għal Colmar bħala waħda mill-isbaħ bliet żgħar fl-Ewropa! Hawn ser naraw ukoll il-famuz **Christmas Market** kif ukoll it-tiżjin sabiħ li jkun hawn f'din il-belt. Ikollna wkoll l-opportunita li naraw id-dwal mixgħula.

### Il-Ħadd 11 ta' Diċembru
Illum se nżuru l-belt ta' **Freiburg** fil-Ġermanja li hi l-kapitali tal-**Black Forest**. Fost oħrajn fiċ-ċentru storiku li jmur lura perjodi diversi, naraw l-akbar monument ta' din il-belt li hu l-**Katidral Majestuz** tagħha magħruf bħala l-**Minster**, kapolavur tal-arkittetura medjevali. Ikollna ħin liberu għal xi shopping mit-triq prinċipali li hi mizgħuda bil-ħwienet. Ikollna ħin wkoll biex inżuru il-famuż **Christmas Market** fejn ikun hawn atmosfera mill-isbaħ, insibu prodotti tipiċi tal-Black Forest bħal **Straw Shoes, Wooden Toys u l-Candle Workshop** li hu l-highlight fejn il-viżitaturi jkunu jistgħu jaraw kif tinħadem. Ikollna l-opportunita li ngawdu l-belt ta' Freiburg mixgħula.

### It-Tnejn 12 ta' Diċembru
Wara li nieħdu l-buffet breakfast ikollna ġurnata libera għax-shopping u personal sightseeing. Min irid jista jingħaqad ma' tour leader u jmur sal- **Automobile Museum** (ent fee extra) mużew mill-aktar interessanti. Wara ħin liberu għax-shopping mill-Christmas Market. Iżda għal min irid (optional) tistgħu tqatta ġurnata ta'divertiment fl-**Europa Theme Park**

### It-Tlieta 13 ta' Diċembru
Nitilqgħu bil-kowċ lejn **Neuhausen** biex naraw il-famużi **Rhine Falls**, l-aktar kaskati spettakolari fl-Ewropa. Nieqfu biex ingawdu l-ġmiel tan-natura u nkomplu sejrin lejn l-ajruport ta' Zurich b'ħafna memorji sbieħ. Ngħamlu ċ-check in għall-flight KM491 li ttir fis-17.40 u naslu lura Malta fit-20.00.

# Madrid – Spain



## 8 - 12 Diċembru

**5 ijiem**

**INŻURU:** Madrid, Toledo, Aranjuez, Segovia, Sierra De Guadarrama, Avila

**Il-Ħamis 8 ta' Diċembru**
Niltaqgħu mat-tour leader fis-04.00 fl-ajruport internazzjonali ta' Malta għall-flight KM586 għal Madrid li titlaq fit-06:25 naslu fid-09:05. Transfer għaċ-ċentru biex ikollns panoramic city tour madwar Madrid fost oħrajn naraw 'The Royal Palace' li huwa wieħed mill-isbaħ fl-Ewropa, , il-funtana La Cibeles u Neptuno, Plaza de Colon, Estadio, Santiago, Bernabeu, Europa Towers, Azcai, Plaza De Oriente, Gran Viva u l-kattidral mibni fuq stil Gotiku La Almudena. Check-in fil Hotel Catalonia Atocha 4*. Wara mmorru Plaza Mayor biex inżuru il christmas market u l-għarmar sabieħ tal Milied.

**Il-Ġimgħa 9 ta'Diċembru**
Buffet Breakfast u eskursjoni mill-isbaħ lejn iz-zona tant sabiħa u muntanjuża **ta' Sierra De Guadarrama** u l-ewwel waqfa tagħna tkun fil-l-belt t' **Avila** li hi l-belt kapitali tar-reġjun bl-istess isem u hija mdawwra bi swar u fortifikata bi 88 torri. Fost oħrajn, hawn naraw il-kattidral li nbena fis-seklu tnax u l-Bażilika San Vincente. Nkomplu lejn il- belt ta' **Segovia**. Din il-belt kienet importanti ħafna fiż-żmien ir-Rumani u fiha kienu jgħixu r-renjanti. Hawn flimkien mal-gwida tal-lokal naraw l-akwadott mibni mir-Rumani fl-ewwel seklu u li huwa twil 800metru b'għoli ta 30metru. Naraw ukoll il-kattidral li jinsab fi Plaza Mayor u l-kastell medjevali u famuż Alcazar (entratura mhux inkluża) li oriġinaljament kien inbena bħala fortizza. Min hawn, inkomplu. Nirritornaw lura Madrid.

**Is-Sibt 10 ta' Diċembru**
Illum ġurnata libera għax shopping u sightseeing. Iżda għal min irid jingħaqad mat tour leader biex inkomplu nesploraw din il- belt sabieħa f' atmosfera meraviljużż tal-Milied, waqt li jkollna l-opportunita li nżuru diversi **christmas Markets** sbieħ li nsibu f'din il-belt.

**Il-Ħadd 11 ta' Diċembru**
Il-belt ta' **Aranjuez** li tinsab fuq ix-xmara Tajo ġiet iddisinjata u żviluppata fis-seklu sittax mir-Re Philip II li kien hu li tagħha dehra tal-llum. L-importanza ta' din il-belt sabiħa mimlija ġonna, kanali u palazzi kibret mhux bi ftit fis-seklu tmintax taħt il-monarkija tal-familja Bourbon. Din ukoll kienet residenza uffiċċjali tar-renjanti fis-Sajf. Hawn flimkien mal-gwida tal-lokal naraw ir-Royal Palace u l-ġmiel ta' Aranjuez Gardens. Inzuru wkoll fiċ-ċentru storiku fejn naraw il-knejjes t'Alpajes u Sant Antonio kif ukoll il-kwartier Pavia. Wara nofs in-nhar immorru fil-belt ta' **Chinchon**. F'din il-belt antika naraw il-ħajja tipika Spanjola tal-lum. Naraw Plaza Mayor fejn naraw djar bil-gallariji tal-injam, l-Iglesia de la Asuncion, il-Clock Tower u l-iżjed bini antik, is-San Anton Hermitage tas-seba' seklu. Din il-belt hija magħrufa wkoll għax-xarba alkoħolika Anis. Fil-pjazza prinċipali hemm ħafna bars fejn nistgħu nduqu xi grokk minnha. Nirritornaw lura l-hotel.

**It-Tnejn 12 ta' Diċembru**
Breakfast u wara ħin liberu. 13:30 Eskurssjoni nteressanti għal belt ta' **Toledo** li tinsab fuq għolja fil-parti ċentrali ta' Spanja u li hija kkunsidrata bħala belt ġojjel tal-pajjiż u magħrufa bħala ta' tlett kulturi minħabba l-fatt li għal mijiet ta' snin, Kristjani, Lhud u Għarab għexu flimkien. Dawn ħallew wirt kulturali bħal knejjes, sinagogi, palazzi, moskej u fortizzi. Flimkien mat-tour leader inżuru ċ-ċentru storiku bit-toroq dojoq imserpin mimlijin bini bi stil t'arkittetura diversa li jagħtu karattru uniku lil belt. Naraw ukoll il-kattidral El Greco (entratura mhux inkluża). Opportunita li nagħmlu vjaġġ bit-Toledo Train Vision (extra) li jdum madwar 45 minuta, Jkollna ħin liberu u fil- 17.00 transfer lejn l-ajruport ta' Madrid għall-flight KM 587 li ttir fid-21.25 u naslu lura Malta fil-23:55

**Prezz kull persuna**
(Taxxi u eskursjonijiet mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €715 | €665 |
| Kamra ta żewġ persuni | €720 | €670 |
| Kamra ta' persuna waħda | €860 | €810 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €610 | €560 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-AirMalta għall-Madrid
- Hotel Catalonia Atocha 4*star
- Buffet breakfast continental kuljum
- Transfers u eskursjonijiet skont il programm (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi ta'l-ajruport u city tax
- Insolvency Protection
- Tour Leader



# MUNICH Germany & Austria

## Mit-08 - 12 Diċembru 2022

5 ijiem

**INŻURU: Munich, Rothenburg Ob der Tauber, Salzburg, Nurenburg**

### Il-Ħamis 08 ta' Diċembru
Niltaqgħu l-ajruport fis-07.00 għat-titjira KM306 li ttir fid-09.25 u naslu Munich fl-11.45 Transfer bil-kowċ fejn ser ikollna **city tour**, flimkien mat-tour leader naraw il-pjazza ċentrali **Marienplatz** li hi ddominata mill-koppli tal-kampnari **Fraunkirche**. Naraw ukoll il-famuż arloġġ Rathaus Glockenspal li jinsab f'din l-istess pjazza, **Karlsplatz bil-famuż fontana u t-toroq ta' Neuhausen Strabe u Kaufinge Strabe** żewġ toroq mimlija stabilimenti u ħwienet mill-isbaħ. Naraw ukoll **Max Joseph Platz Opera House**. Wara nibqgħu sejrin lejn il-Hotel Wallis li tinsab fiċ-ċentru tal-belt. Wara ħarġa mal-leader biex inżuru l-Christmas Market.

### Il-Ġimgħa 09 ta' Diċembru
Breakfast u excursion mill-izjed interessanti matul ir-**Romantic Road** sa ma naslu **Rothenburg Ob Der Tauber**. Din il-belt li teħodna lura fiż-żmien ir-**Rathaus, it-torrijiet twal, is-swar li jdawwruha u d-djar nofshom tal-injam**, jkollna ħin liberu biex ingawdu l-famuż **Christmas Market** bi tradizzjoni li tmur lura mall-500 sena, matul it-toroq u l-pjazza jkunu mimlija stalls fejn issibu għadd ta' souvenirs. Insibu wkoll ikel tradizzjonali bħal **German Christmas Pastries, Mulled Wine** etc... Tinsewx iżżuru l-famuż **Kathe Wohlfart - Christmas Shop** ta' fama mondjali. Nirritornaw lura l-hotel.

### Is-Sibt 10 ta' Diċembru
Eskurssjoni mimlija storja, għax flimkien nżuru l-belt famuża ta' **Salzburg**. Kif jaf kulħadd din il-belt mhux biss hija belt storika u sabiħa, imma hija famuża wkoll għar-rabta li għandha mal-famuż film mużikali **Sound of Music**. Għalhekk naraw il-**katidral, Residence Square, Market Square, Getreidegasse u d- dar ta' Mozart**. Immorru anke fil-**kapital Square** minn fejn nistgħu nieħdu l' **funikular** (ħlas extra) għall-**fortizza ta' Hohensalzburg**. Naraw ukoll il-**Watchtower** u r-**Rainer Museum** fejn anke insibu kollezzjoni t'armi medjevali. Ħin liberu fejn tkun tistgħu zzuru il-Christmas Market.

### Il-Ħadd 11 ta' Diċembru
Excursion mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Nurenburg**, belt mill-iżjed interessanti. Flimkien mal-gwida tal-lokal (English Speaking) mmorru l-Old Town li huwa ċentru storiku. Ħin liberu biex ingawdu l-famuz Christmas Market li hu meqjus bħala wieħed mill-eqdem u l-isbaħ **Christmas Market** fil-Ġermanja. Nirritornaw lura l-hotel.

### It-Tnejn 12 ta' Diċembru
Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Munich għat-titjira KM309 li ttir fis-12.40 u naslu lura Malta fit-15.00

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €695 | €645 |
| Kamra ta żewġ persuni | €700 | €650 |
| Kamra ta' persuna waħda | €810 | €760 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €640 | €590 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mall-Air Malta għal Munich
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 lljieli - Hotel Wallis 3 stars fiċ-ċentru ta' Munich
- Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

# Germany - Cologne

## 07 - 11 ta' Diċembru

5 ijiem

**INŻURU: Cologne, Lorely Valley, Rudesheim, Koblenz, Monschau u Bonn**

### L-Erbgħa 7 ta' Diċembru
Niltaqgħu l-ajruport fil-11.00għall-flight LH1277 lejn Frankfurt li ttir fis-13.50 u naslu Frankfurt fil-16.40.Transfer bil-kowċ lejn il-belt sabiħa ta' **Cologne** fejn mmorru fil-Hotel Novotel Koln City 4 stars fejn issir s-sistemazzjoni tal-kmamar.

### Il-Ħamis 8 ta' Diċembru
Excursion mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Monschau,** li tinsab fir-reġjun ta' Eifel belt żgħira u storika li jżuruha 'il fuq minn żewġ miljun turist fis-sena magħrufa ħafna għall-Christmas Market. Wara ħin liberu biex igawdu l-atmosfera festiva kif ukoll ikollna l-opportunita' li nżuru l-Christmas Market.

### Il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru
Eskursjoni mill-isbaħ li se teħodna fil-**Loreley Valley** ul-villaġġi ħelwin ta' **Kobenz** u **Rudesheim am Rhein.** Ngħaddu minn qalb xenarju mill-isbaħ fuq iż-żewġt iġnub tax-xmara Rhine.Flimkien mat-tour leader naraw iċ-ċentru storiku bit-toroq dojoq, it Rathaus, Munzplatz u l- Liebfrauenkirche. Inkomplu lejn Rudesheim am Rhein, belt antika fuq ir-Rhine li tinsab fin-nofsinhar ta' Koblenz. Mal-wasla tagħna f' Rudehseim am Rhein inżuru l-Marktplatz, l Adlerturm (Eagle Tower) u Drosselgasse – triq mimlija b' ħafna ħwienet żgħar tal-inbid, pubs u minn fejn nistgħu nduqu r-Rudesheimer Kaffee', inzuru wkoll il-Christmas Market li l-Ġermanja hi tant magħrufa għalihom.

### Is-Sibt 10 ta' Diċembru
Illum noffrulkom excursion mill-iżjed interessanti għall-belt ta' **Bonn** fejn naraw postijiet ta' nteress bhal Market Square, Town Hall, Minister Church li hu landmark tal-belt . Il-famuż kompożitur Ludwig Van Beethoven twieled fil-belt ta' Bonn. Nirritornaw Cologne fejn mit-triq famuża ta' Schildagasse u Hohe Strabe nistgħu nnżuru l-famuż Christmas Market li l-Ġermanja hi tant famunża għalihom, miljuni ta' turisti minn madwar id-dinja jiġu għal din l-okkażjoni. Naraw għad ta' stalls jbiegħu Christmas decorations, Christmas balconies, glassblowers handcrafts, eċċ. Sintendi ma tonqos l-aroma tal-mulled wine, chestnut, gingerbread u l-famuż bratwurst.

### Il-Ħadd 11 ta' Diċembru
Wara li nieħdu buffet breakfast nitilqu bil-coach lejn l-ajruport ta' Frankfurt għat-titjira LH1310 li ttir fis-13.45 u naslu lura Malta fl-16.15.

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €765 | €715 |
| Kamra ta żewġ persuni | €765 | €715 |
| Kamra ta' persuna waħda | €95 | €885 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €700 | €650 |
| Supp. Half board (4 iklet) | | €115 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta – Frankfurt - Malta mal-Lufthansa
- Transfers u eskursjonijiet skond il programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 lljieli - Novotel Koln City 4 stars
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

# North Italy & Switzerland

## 13 - 17 Diċembru 2022 — 5 ijiem

**INZURU:** Arona, Milan, Como, Ascona, Locarno, Lugano & Macugnaga

**It-Tlieta 13 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-09.45 għat-titjira diretta ta' l-Airmalta KM624 lejn Milan li ttir fis-12.45 u naslu Linate fis-14.35. Wara transfer bil-kowċ lejn il-Hotel Concorde 3*+ ġewwa **Arona**, izda qabel ser nieqfu biex naraw il-famuza statwa ta' San Carlo Borromoeo li kien l-arcisqof ta' Milan. Sistemazzjoni tal-kmamar. Ċena fil-Hotel.

**L-Erbgħa 14 ta' Diċembru**
Buffet Breakfast, eskursjoni li ser teħodna ġewwa l-Isvizzera fejn ser nzuru l-belt ta' Lugano – **Ascona** li tinsab ma' Lago Maggiore. L-ewwel nzuru l-belt ta' **Lugano** mat-tour leader naraw Via Nassa li hi triq mimlija ħwienet eleganti Piazza Della Riforma mixja matul il-promenadeb'xenarju mill-aqwa ta' Lag ta' Lugano mdawwar bil-muntanji. Ħin liberu biex izzuru il-Christmas Market. Nkomplu lejn Ascona. Ascona tinsab fin-naħa ta' fuq ta' Lag Maggiore. Dawra fiċ-ċentru l'qadim magħmlu mixja matul it-toroq pittoreski mimlija restaurants u cafe's twassalna sal-promenade li saħħrek bil-ġmiel naturali tagħha.

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru**
Breakfast u skopri magħna l-bliet sbieħ ta' **Milan u Como**. L-ewwel żjara tagħna tkun fil-belt ta' Como fejn flimkien ma' tour leader naraw Piazza Cavour, Piazza Volta, Citta Vecchia, Duomo. Passiġata matul il-lag ta' Como ma tonqos jkollna ħin liberu, inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn l-belt ta Milan – il-kapitali ta' Lombardia, fost oħrajn naraw Castello Sforzesco, Piazza Duomo, il-famuz Duomo, Teatro Alla Scala, Galleria Vittorio Emanuele II. Ħin liberu biex tgawdu l-atmosfera festiva kif ukoll iżżuru l-Christmas Market li jarma ġo Piazza Duomo fejn ikun hawn għadd ta' Stalls armati, ikel, mulled wines u tant affarijiet oħra. Ikollna l'opportunita li naraw il-belt ta' Milan mixgħela. Ċena fil-hotel

**Il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-isbaħ li teħodna **Macugnaga** fi vjaġġ mill-aktar spettakolari fejn ngħaddu mill-wied ta' Anzasca li hu mdawwar bil-muntanji Macugnaga tinsba taħt il-muntanja Monte Rosa hu villaġġ tradizzjonali stil tal-Alpi, minn irid jista jitla bic-chair lift (extra) biex nitilgħu fuq Monte Rosa fejn naraw veduti pittoreski tal-Alpi u Glaċjali. Ikollna ħin liberu biex ngawdu dan il-vilaġġ.

**Is-Sibt 17 ta' Diċembru**
Buffet Breakfast u ħin liberu għall-ħabta tal-10.30, transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM625 li ttir fit-15.00 u naslu lura Malta fil-17.05

**Prezz kull persuna**
(Half Board, Taxxi u eskursjonijiet inklużi)

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €690 | €640 |
| Kamra ta żewġ persuni | €690 | €640 |
| Kamra ta' persuna waħda | €760 | €710 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €580 | €530 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-Air Malta għal Milan
- 4 Iljieli - Hotel Concorde 3*+
- Halfboard
- Buffet breakfast kuljum
- Eskursjonijiet kollha mħallsa (esklużi l-entraturi, cable cars u boat trips)
- Taxxi ta'l-ajruport u city tax
- Insolvency Protection
- Tour Leader

# Poland - Krakow

## 05 - 09 ta' Diċembru — 5 ijiem

**INŻURU:** Auschwitz, Wieliczka Salt Mine, Wadowice, Krakow, Zakopane, Tatra Mnts

**It-Tnejn 05 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fil-05.00 għat-titjira FR7114 li ttir fl'10.20 u naslu **Krakow** fl-09.40. Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru tal-belt fejn ikollna city tour biex naraw l-attrazzjonijiet prinċipali li nisbu ġewwa din il-belt. Wara flimkien mat-tour leader inżuru l-famuż Christmas Market. Nibqgħu sejrin lejn il-lukanda Wyspjanski għas-sistemazzjoni tal-kmamar.

**It-Tlieta 06 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal-**Auschwitz-Birkenau**. Illum se nżuru l-kampijiet ta' konċentrament t'Auschwitz – Birkenau; memorja qarsa ta' żmien l-Holokawst fejn miljuni ta' nies tilfu ħajjithom. Hawn naraw id-death national memorials, ir-railway track u l-fdalijiet ta' mijiet ta' barracks (entrance extra u booking mad-depożitu ta' tour). Wara nofs in-nhar ħin liberu għax-shopping f'Krakow.

**L-Erbgħa 07 ta' Diċembru**
Ġurnata mill-isbaħ fejn niskopru l-ġmiel ta' dawn il-postijiet marbutin mal-kbir Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II. Inżuru s-**Santwarju tal-Ħniena Divina** fejn hemm meqjuma Sor Fawstina, inkomplu triqitna fost ix-xenarju mill-isbaħ li jwassalna fuq l-għolja-**Kalvaria Zebrydowska**, il-post kollu huwa UNESCO World Heritage. Inżuru wkoll il-monasteru u s-Santwarju tal-Madonna Mirakoluża. Il-qofol ta' din il-ġurnata għandha tkun il-waqfa ġewwa **Wadowice**, vilaġġ pittoresk fejn twieled il-Qaddis il-Papa Ġwanni Pawlu II. Fost l-iżjed postijiet ta' nterss, inżuru l-bażilika kif ukoll id-dar fejn twieled, li llum hija mużew. (Entraturi extra)

**Il-Ħamis 08 ta' Diċembru**
Skopri magħna l-ġmiel tal-Alpi tal-Polonja fejn se nżuru **Zakopane** u **Tatra Mountains,** kif ukoll il famuż Christmas Market. Dawn il-muntanji jestendu mal-frutnieri ta' bejn il-Polonja u Slovakja. Zakopane huwa riżort magħruf ħafna għall-isking, fejn Sajf u Xitwa ikun hemm ħafna turisti jippassiġġaw fit-triq ewlenija Krupowski – triq mimlija cafes, ristoranti, boutiques. Naraw djar u bini tal-injam tipiċi tal-post inżuru mużew żgħir tal-arti, min jixtieq jista jitla' bil-cable car (ħlas extra) biex jara veduta sabiħa tal-belt. Wara nżuru l-famuż Christmas Market fejn ikun hawn atmosfera festivi. Nirritornaw lura Krakow.

**Il-Ġimgħa 09 ta' Diċembru**
Breakfast u nibqgħu sejrin lejn il-**Wieliczka Salt Mines** (ent extra) l-aktar minjieri spettakolari fid-dinja. Inżuru l-minjieri fejn fiha nsibu diversi skulturi tal-melħ, u kuruturi twal madwar 300 kilometru. Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Krakow għat-titjira FR7115 li ttir fit-19.45 u naslu lura fl'22.20

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €640 | €590 |
| Kamra ta żewġ persuni | €645 | €595 |
| Kamra ta' persuna waħda | €710 | €660 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €550 | €500 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta-Krakow- Malta mar- Ryanair
- 20kgs luggage allowance
- 4 t'iljieli - Hotel Wyspjanski 3 star – fiċ-ċentru
- Buffet Breakfast
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (Entraturi, boats , cable cars etc... mhux inklużi)
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

Biljetti għal Awschwitz jinqatgħu bħala grupp, xahar qabel it-tittjira. Jekk ir-rikjesta tal-biljetti ma tiġix aċċetata, il-biljetti jinqatgħu individwalment fuq il-post.

# Vienna Austria & Slovakia

## 14 - 18 Diċembru

**5 ijiem**

**INŻURU:** Vienna, Melk, Dachau, Schonbrunn Palace, Krems, Durstein, Bratislava

**L-Erbgħa 14 ta' Diċembru**
Niltaghu l-ajruport ta'Malta fil-05:15am għat-titjira KM 514 li ttir fis-07:15 u naslu Vienna fid-09:20. Wara transfer bil-coach lejn il-belt ta' **Vienna** il-belt tal-valzi u l-kapitali ta' l-Awstrija. City tour mill-isbaħ fejn se naraw postijiet ta' nteress fosthom l-**Opera House, Parliament House, St Stephen's Cathedral, Belveder Palace, Uno City, Habsburg Palace** eċċ. Wara nibqgħu sejrin lej il-Hotel Ananas 4 star ġewwa Vienna.

**Il-Ħamis 15 ta' Diċembru**
Buffet breakfast, excursion mill-iżjed interessanti fejn se nżuru **Bratislava**, il-belt kapitali ta' **Slovakia**.Nżuru l-**Kastell** li jiddomina l-belt, panorama mill-isbaħ. Wara mmorru ċ-ċentru storiku mimli bini maestużbħal Main Square, Frantesztan Square eċċ. Wara jkollna ħin liberu biex nżuru l-Christmas Market.

**Il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru**
Breakfast ġurnata libera għax-shopping u personal sightseeing. Min irid jista' jmur ma' tour leader il-**Palazz majestuż ta' Schonbrunn** u l-ġonna tiegħu (trasport pubbliku u dħul extra). Din kienet ir-residenza tas-sajf tal-familja Habsburg. Min irid jista jżur il-ġonna tal-palazz u jgawdi x-xenarju spetakolari li joffru. Wara tista żżur il-Christmas Market ta' St Stephen Platz fejn ikun hemm għadd ta' stalls ibiegħu Christmas decorations, handcrafts, eċċ sintendi ma tonqos l'aroma tal-mulled wine. Filgħaxija ħarġa mal leader biex ingawdu l-belt ta' Vienna mixgħula.

**Is-Sibt 17 ta' Diċembru**
Excursion mill-iżjed interessanti li teħodna ġewwa l-wied ta' **Wachau**. Hawnhekk se naraw għadd ta' vilaġġi żgħar storiċi u ħelwin. Mat-triq se naraw kastelli, xenarju ta' muntanji żgħar kif ukoll il- famuża **Xmara Danube**, inżuru, li għandu storja ta' iżjed min 1000 sena, **Durstein** bid-djar u t-toroq antiki tiegħu u **Melk** bil-famuż monasteru stil barokk tal-Benedittini ( dħul extra).Niritornaw il-lukanda, wara iċ-ċena ħarga mal-leader.

**Il-Ħadd 18 ta' Diċembru**
Wara li nieħdu buffet breakfast, transfer bil-coach lejn l-ajruport ta' Vienna għat titjira KM 515 li ttir fl-10.30 u naslu lura Malta fis-12.40.

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €645 | €595 |
| Kamra ta żewġ persuni | €645 | €595 |
| Kamra ta' persuna waħda | €775 | €725 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €500 | €450 |
| Half Board Supplement (4ikliet) | | €80 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta- Vienna- Malta ma' Airmalta
- 4 Iljieli - Hotel Ananas 4 stars
- Buffet breakfast kuljum
- Eskursjonijiet skond il-programm (esklużi l-entraturi, cable cars u boats)
- Taxxi ta-ajruport u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency  Protection

# Hungary - Budapest

## 11 - 14 ta' Diċembru

**4 ijiem**

**INŻURU:** Budapest, Puzsta, Visegrad, Estergom, Szetendre, Eger u Bratislava

**Il-Ħadd 11 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-06.15 sabiex nagħmlu ċ-check in għall-flight FR4308 li titlaq fis-08.45 u twassalna **Budapest** fil-11.00 Mal-wasla tagħna transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru biex ikollna city tour bil-kowċ u gwida tal-lokal. Naraw il-bini tal-Parlament , il-pjazza ta' l-Eroj, l-Opera House, il-Palazz Irjali, ic-Citadella u l-Fisherman's Bastions minn fejn naraw veduta spettakolari. Wara nkomplu lejn il-Hotel Mercure City Centre 4* li qed eżatt fiċ-ċentru. Filghaxija għhal min irid immorru fil pjazza Vörösmarty Tér biex inżuru il Christmas Market.

**It-Tnejn 12 ta' Diċembru**
L-eskrsjoni ta' llum twassalna fil-belt ħelwa ta' **Eger**. Din hija waħda mill-isbaħ bliet barokki tal-Ungerija fejn anke nsibu t-tieni l-akbar knisja ta' dan il-pajjiz. Naraw ukoll il-kastell medjevali (dħul extra) kif ukoll il-Palazz tal-Isqof mis-seklu ħmistax. Naraw ukoll minarett storiku Ottoman, 40 metru għoli. Eger hija magħrufa wkoll għall-ispas, inbid, kif ukoll għot-toroq mimlijin bini mill-isbaħ. Nirritornaw lura l-Hotel. U Filgħaxija norganizzaw dinner & Folklore show. (optional)

**It-Tlieta 13 ta' Diċembru**
Buffet breakfast  u eskursjoni għall-bliet sbieħ madwar ix-xmara Danube. Din l-eskursjoni magħrufa bħala **Danube Bend.** L-ewwel waqfa tagħna tkun f'**Szentendre,** villaġġ splendidu mibni fuq stil barokk li jinsab 20km 'l bogħod minn Budapest. Inkomplu lejn **Visegrad,** fortizza li minnha tara veduta mill-isbaħ. Wara nkomplu lejn Budapest biex immorru l- **West End Shopping centre.** Filghaxija għal min irid immorru ħdejn 'St. Stephen's Basilica' fejn hawn ingawdu Christmas market ieħor mill-isbaħ.

**L-Erbgħa 14 ta' Diċembru**
Ħarġa ta' ġurnata li teħodna fin-naħa tal-punent tal-Ungerija **f'Puszta,** Hawn naraw il-kapaċita' kbira li juru r-rikkieba meta naraw wirja spettakulari taż-żwiemel. Spettaklu li ma jintesa' qatt! Nagħmlu rikba fuq karozzin tipiku u wara nieklu ikla tajba bl-inbid u xorb (Mħallsa) f'ristorant tipiku. Ikollna l-opportunita li nisimgħu l-mużika taz-zingari. Nkomplu lejn l-ajruport ta' Budapest għat-titjira FR4307 li ttir fis-21:35 u naslu lura Malta fit-23:50.

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €615 | €565 |
| Kamra ta żewġ persuni | €615 | €565 |
| Kamra ta' persuna waħda | €740 | €690 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €520 | €470 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira Malta-Krakow- Malta mar- Ryanair
- 10kgs luggage allowance
- 4 t'iljieli - Hotel Mercure City Centre 4 star
- Buffet Breakfast
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (Entraturi, boats, cable cars etc... mhux inklużi)
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

# Napoli & The Amalfi Coast



**5 ijiem**

**08-12 Diċembru**

**INŻURU: Napli, Capri, Amalfi, Pompei, Salerno u Ravello**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €795 | €745 |
| Kamra ta żewġ persuni | €795 | €745 |
| Kamra ta' persuna waħda | €910 | €860 |
| Half Board Supplement Adulti (4 ikliet) | | €120 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira mal-Air Malta għar-Ruma u Napli għal Malta -Ryanair
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u *cable cars* mhux inklużi)
- 4 iljieli - Star Hotel Terminus 4 *star* fiċ-ċentru ta' Napli
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Taxxi tal-ajruport u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency  protection

### Il-Ħamis 08 ta' Diċembru

Niltaqgħu l-ajruport  internazzjonali ta' Malta fil-5.50 għat-titjira KM612 li ttir fit-07.50 u naslu **Ruma** fid-09.20. Transfer bil-kowċ lejn il-belt sabiħa ta' Napli, il- belt kapitali tar-reġjun tal-Campagna fejn se nkunu akkomodati ġewwa Star Hotel Terminus- 4 Star. Wara ħarġa mal-leader biex nibdew ingawdu l-atmosfera sabiħa tal-belt. Għal dawk li ħadu l-halfboard supplemnet l-ikla tkun filgħaxija.

### Il-Ġimgħa 09 ta' Diċembru

Buffet breakfast noffrulkom eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt sabiħa ta' **Napli**,   fejn flimkien mal-gwida tal-lokal niskopru ż-żona storika tagħha fejn naraw il-**Bażilika San Francesco di Paola u Palazzo Reale.** Inkomplu lejn iċ-ċentru storiku ta' Napli, nesploraw flimkien il-famuża Via San Gregorio Armeno, triq magħrufa għax-xogħol tal-presepji kif ukoll pasturi maħdumin bl-idejn. Inkomplu lejn **Piazza Plebiscito**, **Galleria Umberto I u Castel Nuovo,** naraw ukoll il- lungomare ta' *Mergellina.*  Inkomplu l-eskursjoni tagħna lejn Sorrento fejn se ngawdu dan ir-risort turistiku.  Inżuru **Piazza Tasso** fil-qalba tal-belt, kif ukoll naraw ħafna toroq żgħar mimlijin ħwienet li jbiegħu affarijiet tradizzjonali. Inżuru l-Christmas Markets fejn ikollkom ħin għal xiri ta' souvenirs, se jkollna l-opportunita' li naraw il-Christmas Markets mixgħulin. Nirritornaw lura l-hotel.

### Is-Sibt 10 ta' Diċembru

Ġurnata libera izda min irrid jista jmur ma' tour leader ġurnata Capri (optional) u dejjem jekk t-temp jippermetti) . Naqbdu l-ferry boat (mhux inkluża) minn Sorrento stess, liema dgħajsa twassalna fuq din il-gżira tant popolari, rilassanti u sabiħa.  Mal-wasla tagħna  **f'Marina Grande**, nieħdu l-minibus (extra) lejn **Anacapri** biex flimkien nesploraw din il-parti ta' Capri. Min irid jista' jitla' wkoll bis-seggiovia għal **Monte Solaro** (extra) minn fejn nistgħu ingawdu panorama u veduti mill-isbaħ tal-**Kosta Amalfi**.Inkomplu triqitna lejn Capri bil-minibus, fejn fost l-oħrajn naraw il-famuża **Piazzetta, Augustus Gardens u Via Camerelle**.Naqbdu t-transport biex ninżlu **Marina Grande** u naqbdu l-ferry lura lejn Napli.Nirritornaw l-lukanda għaċ-ċena.

### Il-Ħadd 11 ta' Diċembru

Eskursjoni mill-izjed interessanti li teħodna Pompei. F'**Pompe**i iz-zmien waqaf mal-ħerba kkaġunata mill-izbrufuttura tal-Vessuvius fis-sena 79WK, f'dawn l-iskavi arkeoloġiċi (dħul extra) tistgħu tieħdu ideja ċara x'tip ta' ħajja kienu jgħixu r-Rumani f'dak iz-zmien. Ikollna ħin liberu għal xiri ta' suvenirs. Wara nofs in-nhar nkomplu l-eskursjoni tagħna lejn il-belt ta' Salerno. Flimkien ma' tour leader nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw postijiet ta' nteress. Ikollna l'opportunita li naraw il-famuż **Christmas Market** lijinsab matul il-Lungomare fejn insibu jgħadd ta' stalls bħal Puppet Shows , Ceramics, Local Delicacies eċċ. Ser ikollna l'opportunita li naraw l'belt mixgħula bi dwal mill-isbaħ li **Salerno** hi tant famuża għalihom. Nirritornaw lura l-hotel. Nirritornaw lura l-hotel.

### It-Tnejn 12 ta'Diċembru

Skopri magħna l-ġmiel ta' **Kosta Amalfitana**. L-eskursjoni tal-lum se teħodna ġo Amalfi. Fi triqitna mal-kosta nagħmlu waqfa fuq il-*belvedere* li jħares fuq Positano - belt mibnija fuq il-faċċata ta' rdum, bil-bini nieżel bħal taraġ.  Inkomplu lejn ir-riżort magħruf u tant pittoresk t'Amalfi, li ġie ddikjarat bħala World Heritage Site mill-UNESCO.  Hawnhekk induru dawra mal-port u ċ-**ċentru** fejn fost l-oħrajn naraw il-katidral fil-pjazza ċentrali kif ukoll il-**Chiostro Del Paradiso** (dħul *extra*) tas-seklu 13 mimli arkati u kolonni fejn kienu jindifnu l-iżjed familji importanti t'Amalfi. Insibu wkoll ħafna ħwienet u cafés kif ukoll il-Christmas Markets. Wara nibqgħu ngawdu l'atmosfera festiva, nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn l-ajruport ta' Napoli għal titjira FR7079 li ttir fil-22.45 u naslu lura 23.59.



# Valle D'Aosta Italy & France



**27 Diċembru - 03 Jannar 2023**

**8 ijiem**

**INŻURU: Chamonix, Aiguille Di Midi, Courmayeur, Torino, Aosta, San Vincent, Cervinia, Gran Paradiso u Annecy.**

### It-Tlieta 27 ta' Diċembru

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' **Malta** fl-10.30 għall-flight KM624 li ttir fis-12.45 lejn **Milan**, fejn naslu l-ajruport ta' Linate fis-14.35. Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Valle D'Aosta** fost xenarju ta' muntanji u widien mill-isbaħ ġewwa **l-Italja**. Akkomodazzjoni **Hotel Miage 3 star** ġewwa Charvensod **Aosta**. Wara sistemazzjoni tal-kmamar ċena fil-hotel.

### L-Erbgħa 28 ta' Diċembru

Buffet Breakfast u skopri magħna l-belt pittoreska **t'Aosta**, Ruma tal-Alpi, belt mogħniha b'monumenti, knejjes kif ukoll il-famuża **Piazza Chanoux**. Flimkien niskopru l-postijiet storiċi. Nkomplu l-eskursjoni tagħna lejn **il-Fortizza ta' Bard**, fortizza mill-izjed impressjonanti li tmur lura sas-seklu 1000, Illum hi ċentru kulturali tal-Western Alps li nsibu wkoll il-**mużew tal-Alpi** (ent fee extra). Issa jmiss li nżuru l-fabbrika tal-Grappa fejn ikollna **Grappa Tasting**. Nirritornaw lura l-Hotel. Ċena

### Il-Ħamis 29 ta' Diċembru

Buffet breakfast u eskursjoni għal- **Torino**, l-kapitali tal-**Piemonte.** Ikollna city tour fejn naraw il-ġmiel meraviljuż tal-Palazz Irjali, Palazzo Madama, Il-Kattidral, Il-Mole Antonelliana li huwa l-għola bini f'din il-belt, Piazza San Carlo, via Roma, Piazza Castello, Palazzo Carignano, il-Kattidral fejn hu mizmum l-liżar ta' Kristu u ħin liberu. Wara nibqgħu sejrin l-**Basilica Superga** opra tal-kbir Juvarra. Ċena u ħin liberu.

### Il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għall-belt t'Annecy. Fost il-ġmiel pittoresk tal-Alpi Franċiżi nsibu l-belt t'**Annecy**. Fid-dawra tagħna mal-belt nammiraw is-sbuħija u l-arkittetura tal-belt antika fil-postijiet storiċi. Palais de 'lle, St Pierre Cathedral, St Francis Church, il-kastell u l-kanali jagħmlu lil din il-belt ġawhra mill-ifjen. Ikollna ħin liberu għax-xiri u sightseeing. Passiġġata mal-lag mhux ta' min jitlifha! Ċena fil-hotel.

### Is-Sibt 31 ta' Diċembru

Excursion mill-iżjed interessanti fejn se nżuru l-villaġġ ta' **San Vincent** li hu magħruf għal **Casino Delle Valle**. Nieqfu għal sightseeing. Wara nkomplu l-vjaġġ tagħna lejn ir-resort magħruf ta' **Cervinia** mdawwar b'xeni ta' Glaciers tal-Ġenn!! Flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra mal-post biex ingawdu dan ix-xenarju mill-aqwa. Nirritornaw lura l-hotel kmieni wara nofs in-nhar u ħin liberu biex nippreparaw għal serata mill-isbaħ li żgur ma tinteshiex 'New Year's Eve Celebration A La Grande' (optional). Serata t'ikel, mużika u żfin biex niċċelebraw il-bidu tas-sena l-ġdida 2021.

**Prezz kull persuna**
(Halfboard, Eskursjonijiet u taxxi mħallsha)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €995 | €945 |
| Kamra ta żewġ persuni | €1000 | €950 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1140 | €1090 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €870 | €820 |
| New Years Eve Gala Dinner | | €100 |
| NYE Dinner Tfal | | €60 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira Malta-Milan-Malta mal-Air Malta
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- Akkomodazzjoni Hotel Miage 3 star ġewwa Aosta (Charvensod)
- Breakfast kuljum
- Ċena (6ikliet)
- Taxxi tal-ajruport u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

### Il-Ħadd 01 ta' Jannar
### Is-Sena t-Tajba

**Chamonix ski resort** pittoresk f'alpi Franċiżi eżattament fir-reġjun **Haute Savoie** qed jistennik biex tiskoprieh! Nagħmlu dawra mat-toroq tipiċi kollha boutiques u bini mill-isbaħ. Min irrid jista' jitla' fuq il-muntanja **Aiguille di Midi** f'għoli ta' 3482 (ħlas extra). Gawdi xi ikla tipika u xi tazza nbid tajba qabel nitilqu lejn ir-riżort taljan ta' **Courmayeur.** Post ieħor li jiftaħar bi storja antika u snin twal ta' skiing champions.Imdawwar bi spettaklu sabiħ tal-**Monte Bianco** , Courmayeur għandu jsaħħrek.Niskopruh billi ngħamlu dawra bil-mixi lejn Via Roma, b'waqfa ġewwa l-Cafe' storiku '**Caffe della Posta'**. Lura l-hotel għaċ-ċena..

### It-Tnejn 02 t' Jannar

Wara li nieħdu breakfast noffrulkom eskursjoni għal **Gran Paradiso Park** li kien il-bosk tal-kaċċa tas-**Savoia**. Fost xenarju li jsaħħrek insibu l-villaġġ pittoresk ta' **Cogne**. Dawra bil-mixi biex niskopru l-ġmiel ta' dan il-post. Aħna u sejrin lura nagħmlu waqfa qasira ħdejn **Kastell Fenis** għall-ritratti. Nirritornaw lura l-Hotel. Filgħaxija mmorru għaċ-ċena.

### It-Tlieta 03 ta' Jannar

Wara li nieħdu l-breakfast transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Milan għall-flight KM625 li ttir fit-15.15 u naslu lura Malta fil-17.10

# Highlights of Germany

## with a touch of Holland



**7 ijiem**

**27 Diċembru - 02 Jannar 2023**

**INŻURU: Cologne, Bonn, Maastricht, Koblenz, Phantasialand...**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €950 | €900 |
| Kamra ta żewġ persuni | €950 | €900 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1200 | €1150 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €850 | €800 |
| Halfboard Supp. (4 ikliet) | | €115 |
| New Year's Eve Rhine cruise & buffet dinner | | €195 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira Malta – Frankfurt- Malta mal-Lufthansa
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi; boats, cable cars etc mhux inklużi)
- 6 Iljieli – Novotel Koln 4 star
- Continental Buffet Breakfast
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**It-Tlieta 27 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fil-11.30am għat titjira LH1277 lejn Frankfurt li ttir fis-13.55 u naslu **Frankfurt** fil-16.40. Wara transfer bil coach lejn il-belt sabiħa ta' **Cologne**. Mal wasla tagħna fin- Novote Koln 4 star, issir is-sistemazzjoni tal-kmamar.

**L-Erbgħa 28 ta' Diċembru**
Wara li nieħdu l-buffet breakfast ikollna city tour bil-kowċ u gwida tal-lokal fejn naraw postijiet ta nteress bħal famuż **kattidral ta Cologne, the 4711 house, historic Rathaus, Gurzenich, Old Town district, Roncalli platz** eċċ . Ħin liberu għall-personal sightseeing. Jew min irrid jista' jmur shopping mit-triq famuża ta' Schildagasse u Hohe Strabe fejn ikun hawn atmosfera mill-aqwa. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

**Il-Ħamis 29 ta' Diċembru**
Eskursjoni mill iżjed interessanti għal **Maastricht** ġewwa l Olanda. L ewwel waqfa tagħna tkun propju ġo din il belt Rumana fost l aktar fortifikata ġewwa l Olanda. Maastricht hi destinazzjoni turistika popolari ħafna. Madwar il belt inkunu nistgħu naraw Stokstraat Quarter, Basilica of Our Lady, The Romparts u Vrijthof Square. Wara nżuru Valkenburg aan de Geul, fejn nieqfu għal sightseeing. Hawn insibu għadd ta ħwienet, bars u restaurants. Nirritornaw lura l lukanda.

**Il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru**
Illum noffrulkom excursion mill iżjed interessanti għall belt ta **Bonn** fejn naraw postijiet ta nteress bħal Market Square, Town Hall, Minister Church li hu landmark tal belt. Il famuż kompożitur Ludwig Van Beethoven twieled fil belt ta Bonn. Wara jkollna ħin liberu għal personal sightseeing. Nirritornaw lura l hotel u ħin liberu.

**Is-Sibt 31 ta' Diċembru**
Wara li nieħdu buffet breakfast ikollna ġurnata libera biex tkun tistgħu tgawdu l belt sabiħa ta **Cologne,** fejn ikun hawn atmosfera festiva mill-isbaħ. Filgħaxija lestejna għalikom **River Rhine Cruise** (optional) bil-live music, ikollna warm/cold buffet, drinks – soft drinks, wine, beer, sparkling wine kif ukoll midnight snack. Lejla maġika fejn intemmu sena u nilqgħu sena l- ġdida f'atmosfera t'allegrija.

**Il-Ħadd 01 ta Jannar 2023**
**Is-Sena t-Tajba!!!!**
Breakfast u wara ikollna ġurnata fil-Phantasialand, post ta' divertiment kemm għaż-żgħar kif ukoll għall-kbar (biljett extra). Hawn insibu għadd ta' rides, rollercoasters, kif ukoll għadd ta' shows. Nirritornaw lura l-hotel.

**It-Tnejn 02 ta' Jannar**
Breakfast u transfer lejn l-ajruport ta' Frankfurt għat-titjira lura Malta mal-LH1310 li jitlaq fis-13.45 u naslu lura fl'16.15



# Winter Wonderland Bavarian Alps

## with a touch of Austria



**28 Diċembru - 03 Jannar 2023**

**7 ijiem**

**INŻURU: Munich, Neuschwanstein Castle, Rothenburg ob der Tauber, Salzburg, Zugspitze, Rosenheim, Ettal...**

### L-Erbgħa 28 ta' Diċembru

Niltaqgħu l-ajruport fis-07.25 għal-check in għal flight KM306 li titlaq fid- 09.25 u tasal **Munich** fl-11.45. Transfer bil- kowċ lejn iċ- ċentru fejn ikollna city tour mal-gwida tal-lokal fejn naraw il-pjazza ċentrali Marianplatz, iddominata millkoppli ta' Frauenkirche, knisja tas-seklu ħmistax. Naraw il-famuż arloġġ Glockenspiel mall-faċċata ta' Neues Rathaus li jinsab fl-istess pjazza. Wara nibqgħu sejrin l-Olympic Village fejn naraw l-istadju Olimpiku minn fejn naraw veduti uniċi. Nkomplu lejn il-Hotel Wallis City Centre 3 star. Filgħaxija ħarġa mal-leader biex ingawdu din il-belt sabiħa.

### Il-Ħamis 29 ta' Diċembru

Skopri l' ġmiel ta' **Neuschwanstein Castle,** il-kastell ta' Re Ludwig li hu mibni fuq stil neo romansek u li hu ta' fama mondjali (entratura mhux inkluża). Mmorru wkoll fuq Marian Bridge mnejn nistgħu nieħdu r-ritratti tal-kastell. Wara nżuru l' villaġġ ta' **Fussen,** holiday resort u spa popolari mmens mhux hekk biss iżda nsibuħ ukoll fil- foothills tal- alpi. Hawn nagħmlu dawra maċ- ċentru storiku.

### Il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru

Eskursjoni ta' nofs ta' nhar mill-iżjed interessanti għal belt sabiħa ta' **Rosenheim** - belt fil-Bavaria, l-Ġermanja mal-wasla tagħna f'din il-belt ikollna city tour biex naraw l-aktar postijiet ta' nteress bħal Max Josef Platz, Kirche St Nikolaus, Ludwigplatz, The Cathedral eċċ. Wara jkolla ħin liberu għal personal sightseeing.

### Is-Sibt 31 ta' Diċembru

Breakfast ikollna ġurnata libera biex tkomplu taraw din il-belt hekk sabiħa u tgawdu l-atmosfera festiva li jkun hawn. Filgħaxija flimkien tistgħu tmorru sal-pjazza principali fejn ikun hawn għadd ta' attivitajiet biex tibdew il-bidu tas-sena l-ġdida jew tistgħu t'attendi għal Dinner Dance għal atmosfera brijuza (optional)- Staqsi għal aktar informazzjoni

### Il-Ħadd 01 ta' Jannar 2023
### Is-sena t-tajba!!

Gawdi magħna l-ġmiel tal-**Alpi Bavarjani** fejn illum se mmorru fuq il- muntanja **Zugspitze** l-għola waħda fil- Germanja (9788 pied) minn **Eibsee** naqbdu l-cable car (extra) li jwassalna fil-quċċata tal- muntanja, mnejn inkunu nistgħu ngawdu xenarju mill-aktar spettakolari tal- alpi Bavarjani. Wara li ngawdu dak li taf toffri natura nerġgħu ninżlu u nibqgħu sejrin lejn **Ettal** fejn inżuru l' famuż monasteru tal- Benedittini u jkollkom ħin għax xiri ta' souvenirs.Nirritornaw lura l-hotel.

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €895 | €845 |
| Kamra ta żewġ persuni | €900 | €850 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1280 | €1230 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €815 | €765 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira Malta – Munich– Malta mal-Air Malta
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 iljieli Hotel Wallis – City Centre 3 star
- Buffet Breakfast
- Taxxi tal -ajruport u City tax
- Tour Leader
- Insolvency protection

### It-Tnejn 02 ta' Jannar

Eskursjoni mimlija storja, flimkien nżuru l-belt famuża ta' **Salzburg**. Kif jaf kulħadd din il-belt mhux biss hija belt storika u sabiħa, imma hija famuża wkoll għar-rabta li għandha mal-famuż film mużikali Sound of Music. Għalhekk naraw il-katidral, Residence Square, Market Square, Getreidegasse u d- dar ta' Mozart. Immorru anke fil-kapital Square minn fejn nistgħu nieħdu l-funikular (ħlas extra) għall-fortizza ta' Hohensalzburg. Naraw ukoll il-Watchtower u r-Rainer Museum fejn anke insibu kollezzjoni t'armi medjevali. Wara jkollna ħin liberu biex tgawdu din il-belt sabiħa fejn ikun hawn atmosfera festiva. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### It-Tlieta 03 ta' Jannar

Wara li nieħdu l-breakfast transfer lejn l-ajruport ta' Munich għat- titjira KM307 li titlaq fis-12.40 u tasal lura Malta fit-15.00





# Bella Toscana

## 28 ta' Diċembru - 03 Jannar 2023

**7 ijiem**

**INŻURU: Montecatini, Siena, San Gimignano, Firenze, Lucca, Pisa, Rapallo, St Margerita Di Liguria u Portofino.**

**L-Erbgħa 28 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-05.30 għall-flight KM612 li ttir fit-07.50 lejn Ruma fejn naslu fid-09.20.Transfer bil-kowċ lejn **Montecatini Terme**, akkomodazzjoni ġo 4 star hotel fiċ-ċentru.Ħarġa ma' leader u ċena fil-Hotel.

**Il-Ħamis 29 ta' Diċembru**
Flimkien niskopru l-ġmiel tal- belt ta' **Firenze**. Hawnhekk naraw il-famuż Duomo fejn min irid jista' jitla sa fuq il-koppla biex taraw veduta sabieħa ta' Firenze. Naraw il-Battistero u l-kampnar famuż disinjat minn Giotto, il-Katidral, Ponte Vecchio u Piazza Signoria. Ma jonqosx li jkollna ħin liberu għax-shopping u personal sightseeing.

**Il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru**
War l- breakfast eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn inżuru Pisa u Lucca L-ewwel waqfa tkun fil- belt ta' **Pisa**, nagħmlu dawra ma' leader fejn naraw il-famuż Torri, Piazza dei Miracoli. Il-Katidral u l-Battistero fil-Campo Santo. Ikollna ħin liberu għal xiri ta' suvenirs. Wara nkomplu lejn Montecarlo magħruf għall-inbid tajjeb u żejt ta' żebbuġa. Hawn ikollna **'Tuscan Merenda Tasting'** mill-aqwa li jikkonsisti f 'wine tasting u Cold cuts (mhux inkluż).Wara nkomplu lejn **Lucca** belt eleganti u raffinata . Hawn naraw postijiet ta' nteress bħal Katidral ta' San Martin u l-Pjazza Anfiteatro. Ċena fil-hotel.

**Is-Sibt 31 ta' Diċembru**
Wara li nieħdu buffet breakfast ser ikollna ħin liberu biex tgawdu Montecatini u l'atmosfera festiva. Aktar tard min irid jista jmur ma tour leader biex izzur **Montecatini Alto** (cable car extra) li jinsab fuq zewġ għoljiet fejn fuq naħa nsibu Rocca Di Castello Vecchio, Church of St Peter (il-knisja oriġinali ta' Montecatini) u Tower of Campanaria, fuq in-naħa opposto nsibu Torre Dell Orologio u l-knisja tal-Karmelitani mibnija fuq stil barokk. Naraw xenarju mill-isbaħ naraw ukoll il-piazza Prinċipali b'għadd ta' restaurants li jservu ikel tradizzjonali, bars għal ftit inbid tajba u cafe's. Wara nirritornaw lura l'hotel. Filgħaxija fil-hotel ser ikollna 7 course dinner u Live Music li jinkludi wkoll ½ mineral water, ¼ wine + glass of sparkling wine. Serata ta' divertiment u allegrija għall-bidu ta' sena l'ġdida.

**It-Tnejn 01 ta' Jannar**
**Is-Sena t-Tajba !!**
Nistiednukhom tgawdu magħna l-bliet magħrufa ta' **Siena** u ta' **San Gimignano**. Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn Siena fejn naraw il-famuż Katidral, il-pjazza u l-majestuż Palazzo Comunale. Nkomplu lejn San Gimignano post li jsaħħrek bil-kultura u n-natura li joffri. Hawn naraw id-Duomo, Palazzo del Popolo,u t-Town Hall ikollna ħin liberu,nirritornaw Montecatini.

**It-Tlieta 02 ta' Jannar**
Eskursjoni mill-isbaħ li se teħodna **Portofino** fil-Liguria. L-ewwel waqfa tagħna tkun St Margerita di Liguria fejn flimkien nagħmlu dawra maċ-ċentru storiku tal-belt. Naraw il-bażilika barokka tas-seklu 17, kif ukoll il-kastell. Nagħmlu dawra mal-leader madwar il-Promenade imżejna bl-Al Frescos bars u restaurants. Issa jmiss li naqbdu l-boat (extra) li twassalna Portofino, wieħed mill-ġojelli mal-kosta Taljana. Post mill-iżjed eleganti u romantiku li jsaħħrek bil-ġmiel naturali tiegħu. Nagħmlu mixja matul il-port fejn naraw yachts mill-isbaħ, ħwienet żgħar u tant ħelwin. Fuq l-għolja naraw Castello Braun u l-knisja ddedikata lil San Martin, ikollna ħin liberu u min irid jitsa' jitla fuq l-għolja. Nerġgħu naqbdu l-boat fejn vjaġġ ta' 30 minuta jwassalna **Rapallo** bil- Promenade sabiħ tiegħu mimlija siġar mimlija siġar tal-palm, fejn naraw veduta sabiħa tal-bajja mdawra bil-bini ikkuluritu l-kastell ta' Rapallo.

**L-Erbgħa 03 ta' Jannar**
Breakfast u transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Linate sabiex nagħmlu ċ-check in għall-flight KM615 li ttir fit-15.15 u naslu lura Malta fil-17.05.

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet, Taxxi, Half Board u NYE Dinner imħallas)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1200 | €1150 |
| Kamra ta żewġ persuni | €1200 | €1150 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1330 | €1280 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €1050 | €1000 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira mal-Air Malta għal Linate
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 6 lljieli – Montecatini Hotel 4 star fiċ-ċentru
- Kmamar kollha b'faċilitajiet privati
- Buffet Continental Breakfast kuljum
- Ċena (5 ikliet)
- New Year's Eve Dinner
- Taxxi tal ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency protection



# France, Germany, Switzerland

## Black Forest & Europa Park

**8 ijiem**

**27 Diċembru -03 Jannar 2023**

**Inżuru: Mulhouse, Strasbourg, Riquewihr, Colmar, Titisee, St Peter's, Triberg, Incl: Europa Theme Park**

### It-Tlieta 27 ta' Diċembru

Niltaqgħu l-ajruport ta' Malta fin-12.30 għall-flight KM490 li ttir fis-14.25. Naslu Zurich fil-16.50. Transfer lejn **Mulhouse** ġewwa **Franza** li tinsab fuq pjanura bejn il-muntanji **Vosges u xmara Rhine**, din il-belt ħelwa għandha popolazzjoni ta' 112,000 persuna. Mall-wasla tagħna ġewwa Mulhouse nibqgħu sejrin lejn il-**Hotel Bristol 3 star** li tinsab fiċ-ċentru tal-belt. Sistemazzjoni tal-kmamar. Għal dawk li ħadu s-suppliment tal-half board l-ikla tkun dejjem filgħaxija.

### L-Erbgħa 28 ta' Diċembru

Skopri magħna l-ġmiel tal-**Black Forest** ġewwa l-**Germanja**. Nibdew l-eskursjoni tagħna lejn **St. Peter's** fejn nieqfu għal sight seeing. Wara nibqgħu sejrin lejn **Triberg** li hu riżort muntanjuż fejn jinħadmu l-*Cuckoo Clocks u l-Music Boxes*, kollu xogħol *tal-idejn minn-nies tal-lokal. Wara jkollna ħin liberu għal xiri* ta' souvenirs l-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **Titisee** post mill-aktar pittoresk u li jsaħħrek bil-ġmiel tiegħu mdawwar bil-Lag. X'hemm isbaħ minn passiġata madwar il-Lag jew xi biċċa Black Forest Cake tajba!!!! Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

### Il-Ħamis 29 ta' Diċembru

Il-Ħarġa tal-llum teħodna fil-belt sabiħa ta **Lucerne** ġewwa l-Isvizzera, il-belt kapitali tal-Cantoon li jġib l-istess isem. Fost l-oħrajn naraw il-famuż **Wooden Bridge** li hu landmark tal-belt, **il-knisja tal-Ġiżwiti** fuq stil barokk. Inkomplu lejn l-**Old Town** bit-toroq pittoreski tiegħu. Naraw it-**Town Hall**, il-**Lion Monument** li hu monument f'ġieh il-gwardji Svizzeri li nqattlu waqt ir-revoluzzjoni franċiża. Ħin liberu għax-xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-Hotel.

### Il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru

Eskurssjoni mill-isbaħ li ser teħodna fil qalba tal **Bernese Oberland** ġewwa l-Isvizzera fejn se nżuru **Interlaken u Grindelwald**. Nitilqgħu bil kowċ lejn l-Isvizzera fejn il vjaġġ ta llum hu mimli xenarju mill aqwa, għalhekk lesti l video cameras. Mal wasla tagħna ġewwa **Grindelwald** naqbdu l-cable car (extra) biex nitilgħu fuq i**l-muntanja Mannlichen** mnejn ingawdu xenarju mill-aqwa tal-muntanji. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **Interlaken** fejn ngħamlu dawra mal-leader u mill-Hohematte naraw Panorama sabiħa tal-**Jungfrau** u **Iger Mountains.** Nirritornaw lura l-hotel.

### Is-Sibt 31 ta' Diċembru

Inżuru il-belt ta' **Colmar**, post magħruf għall-inbid ta' **Alsace**. Flimkien mat-tour leader nagħmlu dawra fejn tapprezzaw iċ-ċentru storiku mimli arti u kultura, bid-djar qishom tal-pupi, kif ukoll il-kwartieri mimli kanali li jissejjaħ **Little Venice**. Naraw ukoll **id-dar ta' Bartholdi** li ddisinja is-**Statue of Liberty** ta' New York. Mhux ta b' xejn ħafna jirreferu għall-Colmar bħala waħda mill-isbaħ bliet żgħar tal-Ewropa. Nirritornaw lura l-hotel u ħin liberu għax-shopping.Filgħaxija nattendu dinner dance (optional) biex flimkien insellmu is-sena 2022 mimlija memorji u niċċelebraw il-bidu tas-sena 2023 f'atmosfera mill-isbaħ ta' mużika u żfin.

### Il-Ħadd 01 ta' Jannar 2023
### Is Sena t Tajba!!!

Ġurnata ta' divertiment kemm għaż-żgħar u kemm għall-kbar ġewwa l-**Europa Theme Park** (biljett tad-dħul mhux inkluż). Hawn insibu dak kollu li wieħed jixtieq jara f'dinja ta' ħolm u t'avventuri bħal **roller coaster, canoeing, shooting alleys, ghost trains** u ħafna aktar attrazzjonijiet li zgur iġelgħuk tqatta' ġurnata stupenda. Bil-biljett tista tagħmel użu kemm trid mir-rides u shows li jkun hemm. Nirritornaw lura l-hotel.

### It-Tnejn 02 ta' Jannar

Wara li nieħdu l buffet breakfast, eskursjoni mill-iżjed interessanti fejn se nżuru **Strasbourg** u **Riquewhir** ġewwa Franza. L-ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa **Strasbourg**, belt tant eleganti u ta' importanza kbira. Flimkien naraw **Petite France, l-Old Quarters, il-Palais du Europe, il- European Parliament, L' Orangerie u l-famuż Katidral**. Kif ukoll il-**Christmas Market**. Ikollna ħin liberu. Wara ngħaddu mill-vilaġġ medjevali tant ħelu ta' **Riquewihr**, b'arkitettura priservata ferm tajjeb, fejn iż-żmien donnu waqaf. In-nies ta' dan il-post jgħixu ħajja trankwilla u l-industrija ewlenija tagħhom hija l-inbid. Flimkien nagħmlu mixja fit-toroq dojoq li huma magħmulin miċ-ċagħaq, toroq fejn ma jgħaddux karozzi u fejn naraw ħwienet żgħar ħelwien, **cafes, fran, ristoranti, bjar qodma, funtani antiki u djar ikkuluriti** li fuq il-bjut tagħhom ibejtu iċ-ċikonji. Nirritornaw lura l-hotel. Wara ċ-ċena mmorru għal drink.

### It-Tlieta 03 ta' Jannar

Nitilqu bil-kowċ lejn **Schaffhausen** biex naraw il-famużi **Rhine Falls**, l-aktar spettakolari fl-Ewropa. Nieqfu biex ingawdu l-ġmiel tan-natura u nkomplu sejrin lejn l-ajruport ta' **Zurich** b'ħafna memorji sbieħ. Ngħamlu ċ-check in ghall-flight KM491 li ttir fis-17.40 u naslu lura Malta fit-19.40.

**Prezz kull persuna**

Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €880 | €830 |
| Kamra ta żewġ persuni | €890 | €840 |
| Kamra ta' persuna waħda | €960 | €910 |
| Tfal sa 11 –il sena f'kamra ma' 2 adulti | €620 | €570 |
| Half Board Adulti (6ikliet) | | €90 |
| Kids Meal | | €60 |
| New Years Eve Gala Dinner (Adulti) | | €100 |
| NYE Dinner (Tfal) | | €70 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira Malta – Zurich - Malta
- mall-Airmalta
- Transfers u eskursjonijiet skond
- il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- Akkomodazzjoni Hotel Bristol 3 star fiċ-ċentru ta' Mulhouse
- Kmamar kollha b'faċilitajiet privati
- Buffet Continental Breakfast kuljum
- Taxxi u service charge
- Tour Leader
- Insolvency Fund Protection